# MAMMONA

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Irrid immut bil-ġuħ mill-din qalbi
Titlef il-ġieħ, id-dawl u l-kenn ta' mħabba
Jew tħassar xewqti u tberridli talbi
U tħalli ismi, mħabba fik, imtabba'.

F'idejk, Mammona, ssib kemm trid ilsiera
Li jigru wrajk bla nifs, bla ġieħ, bla stiema:
Jien nibqa' nimxi din it-triq imwiegħra
Hieni bil-ftit, bla għira u bla ndiema.

Mishut min lilek, fuq il-Ħaqq u s-Sewwa.
Iqimek bla ma jqis serq u moħqrija;
Min jagħsar demm il-fqir, min dik il-ħlewwa
Jaħsad mill-qlub, għall-Flus, minn dar kennija.

Kemm int bla qalb, bla ġieħ ma ngħidux jiena:
Inti ċarċart demm Alla mingħajr ħniena!